**MINUTI**
**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**
**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU ERBGĦA**

**6 ta' OTTUBRU, 2010**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, Viċi Chairperson Maria Schembri, u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

Is-Sindku Silvio Izzi Savona avża li ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**4.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

4.1.1 Il-minuti tas-seduta numru 3 ġew apporvati wara li t-tielet paragrafu ta' punt numru 3.1.2 ġie jinqara hekk: Il-Kumitat Amministrattiv ma qabilx bid-deċiżjoni li kien ħa l-Kunsill għax b'din id-deċiżjoni ser ibgħati Bubaqra u ż-Żurrieq kollu.

4.1.2 Fir-rigward ta' Memo 95/2010 Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2011, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill qabel mal-attivitajiet li ried japplika għalihom il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra u fil-fatt tali applikazzjonijiet waslu għand id-Dipartiment fiż-żmien stipulat.

Il-membru Joseph D'Amato qal li l-aħjar jiġu ċċarati ċertu punti fuq spejjeż ta' dawn l-attivitajiet.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia u l-Viċi Chairperson Maria Schembri qalu li waqt laqgħa li kellhom mas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina kien hemm ftehim li l-ispejjeż tal-attivitajiet li ser jorganizza l-Kumitat Amministrattiv u li saret l-applikazzjoni għalihom, ser jinħarġu mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u mis-Soċjeta li ser tgħin fl-attivita' minħabba li l-Kumitat Amministrattiv m'għandux fondi biżżejjed.

4.1.3 Fir-rigward ta' punt 3.1.5 iċ-Chairperson Pierre Farrugia, nforma lill-Kumitat li fejn tirrigwardja l-attivita' tal-applikazzjoni fuq inizjattiva premju lokalitajiet indaf Memo 73, li ser issir nhar is-Sibt 30 ta' Ottubru, bejn id-9.00 ta' filgħodu u nofsinhar – irnexxielu jġib sponsor li ser jissupplixxi skip u makkinarju għal tindif u T shirts lill-membri tal-iscouts li ser jgħinu fl-attivita.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tikkomunika mal-kumpanija Green MT u tintgħalab l-għajnuna tagħha.

Iċ-Chairperson qal li l-iscouts ser jagħmlu parata fil-jum ta' qabel biex jippromovu l-attivita'.

Kien hemm qbil li tinkiteb ittra biex jitalab appuntament fuq il-post, minħabba li t-talba tal-Kumitat kienet għall-postijiet l-aktar frekwentati mit-tfal tal-mużew/tal-iskejjel u jkun inutli li jsiru zebra crossings fejn indikat mit-TM jekk ma jintlaħaqx l-iskop tagħhom għax ma jintużawx.

## *4.2 Kommunikazzjoni miċ-Chairperson*

4.2.1 Fir-rigward ta' punt 3.1.3 iċ-Chairperson Pierre Farrugia, nforma lil dawk preżenti li l-laqgħa mal-Perit Susanna Bonello mit-TM saret fuq il-post imma sa issa għad m'hemmx il-permessi meħtieġa. Hu żied jgħid li fuq talba tal-istess Perit talab lill-Perit tal-Kunsill biex iħejji pjanti li jindikaw zebra crossings fi Vjal l-Indipendenza biex it-TM tkun tista timxi fuqhom qabel jingħata l-permess.

4.2.2 Fir-rigward tal-laqgħa li l-Kumitat Amministrattiv kellu iffissata li ssir nhar il-Ħamis 7 ta' Ottubru, reġgħat ġiet pposponuta

għall-Ġimgħa 8 ta' Ottubru.

Iċ-Chairperson u l-membru Joseph D'Amato nfurmaw li ma setgħux jattendu minħabba raġunijiet ta' xogħol.

### *4.3 Mozzjoni fuq artiklu għall-Kunsill News*

4.3.1 Iċ-Chairperson spjega li wara li f'Awwissu kien kellem lis-Sindku biex jagħti paġna mill-Kunsill News lill-Kumitat Amministrattiv, il-Kunsill Lokali aċċetta biss, li jkun hemm paġna mdaħla fil-Kunsill News imma li ma tkunx parti mill-fuljett.

Il-membru Joseph D'Amato staqsa dawn il-mistoqsijiet :

- Min ser jikteb fil-paġna li ntalbet mill-Kumitat Amministrattiv?
- Kemm ser ikollu spazzju kull membru?
- Jekk il-Kumitat Amministrattiv kienx lest li jħallas għall-paġna?
- Jekk hemmx il-bżonn li tali kitba tkun fil-Kunsill News u titqassam madwar iż-Żurrieq kollu jew madwar Bubaqra biss?

Kull membru qabel li jikteb fl-ispazju tal-Kunsill News. Kien hemm qbil li din għandha titqassam liż-Żurrieq kollu għax Bubaqra hi parti miż-Żurrieq u li l-ispejjeż tal-ispazzju li jkollu l-Kumitat Amministrattiv iħallashom l-istess Kumitat.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li jiddispjaċih ta' kif kien milqugħ mis-Sindku fl-aħħar seduta tal-Kunsill u li s-Sindku kważi qatt m'attenda għas-seduti tal-Kumitat Amministrattiv kif suppost għandu jagħmel.

Il-mozzjoni pproponuta miċ-Chairperson Pierre Farrugia u ssekondata mill-Viċi Chairperson Maria Schembri tgħid hekk:

Talba lill-Kunsill Lokali Zurrieq biex jagħti spazzju ta' żewġ paġni fil-Kunsill News li ser joħroġ wara Ottubru. Dan minħabba li s-Sindku ta spazju ta' paġna A4 li mhux ser tkun parti mill-Kunsill News imma ser tkun imdaħla biss waqt it-tqassim tal-Kunsill News li ser joħroġ f'Ottubru.

Il-mozzjoni għaddiet b'erba' voti favur u astenzjoni tal-membru Joseph D'Amato.

Il-membru Joseph D'Amato qal li l-astenzjoni tiegħu kienet għall-fatt li l-ewwel il-Kumitat kellu jiddiskuti l-punti imressqa minnhu u deherlu li ma kienx hemm il-bżonn li titressaq mozzjoni.

4.3.2 F'dan il-ħin il-membru Joseph D'Amato ressaq mozzjoni biex punti 4 u 5 tal-aġenda jiġu diskussi wara punt 6.
Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-membru Joseph Caruana.
Kien hemm qbil fuq dan.

*4.6 Xogħol jinqasam bejn il-membri*

4.6.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia bi qbil mal-membri kollha tal-Kumitat Amministrattiv qassam ix-xogħlijiet li kull membru ser ikollu fi ħdan il-kumitat. Dan hu kif ġew imqassma:
Iċ-Chairperson Pierre Farrugia nkarigat mid-Dawl, sinjali tat-traffiku u proġetti.
Il-membri Joseph D'Amato u Joseph Caruana flimkien inkarigati mill-patching u bankini.
Il-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membru Annetto Bugeja nkarigati mill-attivitajiet.

*4.4 Ilmenti*

4.4.1 Tressqu l-ilmenti li daħlu fil-Kunsill Lokali fejn jirrigwardjaw l-akwata ta' Bubaqra.
Kien hemm qbil li kull meta jkun hemm bozza maqtugħa din għandha tiġi rrappurtata mmedjatament jew lill-Korporazzjoni Enemalta jew lill-kuntrattur tal-Kunsill hekk skond kif ikun meħtieġ.
Kien hemm qbil li l-bozza li tinsab fuq iz-zuntier tal-kappella ta' Santa Marija (li ila aktar minn 6 xhur irrappurtata lill-Enemalta mingħajr ma ittieħdu passi fuqha), minħabba li hi kompitu tal-Arċipriet/Enemalta li tissewwa m'għandix tiġi msewwija u mħallsha mill-Kumitat Amministrattiv.

Fejn saru lmenti biex isir refresh tas-sinjali tat-traffiku għandhom isiru mill-ħaddiema tal-IPSL u fir-rigward ta' ilmenti

fuq patching il-membri nkarigati ftehmu biex jduru tali lmenti biex issir l-ewwel ordni lill-kuntrattur.

4.4.2 Fir-rigward taż-żewġ approvazzjonijiet ta' lampi ġodda li ngħataw mill-korporazzjoni Enemalta – waħda għall-Triq Fra Gan Mari Zammit li trid titwaħħal ma' arblu u l-oħra għall-Triq l-Arċipriet E Mifsud li trid titwaħħal ma' arblu ukoll imma jeħtieġ li qabel jinġab permess mill-MEPA peress li tinsab ODZ.

Kien hemm qbil li dik ta' Triq Fra Gan Mari Zammit issir wara li jinġab permess li tali lampa titwaħħal mal-arblu eżistenti tal-Enemalta u dik ta' Triq l-Arċipriet E Mifsud ma' titwaħħalx minħabba l-ispejjeż involuti.

*4.5 Patching fit-toroq*

4.5.1 Dan l-item ġie diskuss f'punt 4.4.1

*4.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Xogħlijiet u Servizzi*

4.7.1 Il-membru Joseph Caruana ġibed l-attenzjoni li ħajt fi Triq San Martin qed jaqa' bil-konsegwenza li jinsab ta' ostaklu fit-triq. Kien hemm qbil li tiġi nfurmata l-pulizija bil-każ u bl-informazzjoni ta' sid il-ħajt.

4.7.2 Il-membru Joseph Caruana qal li hemm bżonn li terġa titwaħħal il-mera li kien hemm fi Triq Ħal Far k/m Tal-Ħlantun.

4.7.3 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membru Annetto Bugeja qablu li għall-ġbir ta' fondi lill-Community Chest Fund għandha tintbagħat ittra lill-ħwienet taż-Żurrieq fejn tgħid li membri tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra ser iżuru l-ħwienet biex jiġbru fondi (cheque indirizzat direttament lill-Community Chest Fund) biex jingħata għall-istrina. Barra minhekk ġie ssuġġeriet ukoll li jinġab permess mingħand l-Arċipriet biex għall-ġranet 20/21 ta' Novembru jkunu preżednti fis-sala tal-kappella ta' Santa Marija biex jilqgħu oġġetti tal-ikel (preserves) biex jingħataw ukoll għall-karita.
Kien hemm qbil fuq dan kollu.

4.7.4 Il-membru Annetto Bugeja informa lill-Kumitat Amministrattiv li żagħżugħ minn Bubaqra – s-Sur Michael Coleiro għamel suċċess fil-European Games fejn ħa żewġ midalji tad-deheb u waħda bronż.

Is-Sur Annetto Bugeja ssuġġerixxa li lil din il-persuna tinkitbilha ittra ta' kongratulazzjoni mill-Kumitat Amministrattiv f'isem il-membri u r-residenti kollha.

Kien hemm qbil fuq dan.

### *4.8 Appuntament għas-seduta li jmiss*

4.8.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar il-Ġimgħa 12 ta' Novembru, 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.

4.8.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fit-8.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Novembru, 2010.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**